"L-Għada tat-Tieġ.

28-3-61.

XIV

Broadcast on Malta Radio on 18/5/77.
Programm "[illegible] n-Novella"

Publish "Il-Mument" d/ 8.4.79.

# REDIFFUSION

(A SUBSIDIARY COMPANY OF BROADCAST RELAY SERVICE (OVERSEAS) LIMITED)

CABLES: REDIFFUSION-MALTA
TELEPHONES: CENTRAL 5051 (10 LINES)

P. O. BOX 82

REDIFFUSION (MALTA) LTD
GWARDAMANĠA
MALTA G.C.

EB/JG/47/A.2.

OUR REF.
YOUR REF.

30th March, 1961.

**L-GHADA TAT- TIEG.**

Dear Sir,

This is to inform you that your script under the above title has reached our office and is being dealt with.

Before this can be considered, you are requested to fill in and return to us the enclosed indemnity form.

Yours faithfully,
REDIFUSION (MALTA) LIMITED.

Literary Editor,
Programme Department.

C. Attard, Esq.,
22, Prince Albert Street,
Sliema.

Idemnity form sent on 3/3/61.

22, Prince Albert Street,

Sliema.

28th March, 1961.

The Secretary to the

Literary Editor,

Rediffusion House, Guardamanga.

Dear Miss Grech,

Enclosed is another short story for inclusion in the programme "Gabra Letterarja" presented by Prof. J. Aquilina.

With thanks,

Yours faithfully,

Charles Attard.

N.B. " L-GHADA TAT-TIEĠ" is my Original Work and not a translation or adaptation from another work.

" L-GHADA TAT-TIEG "

Novella

ta'

CHARLES ATTARD.

Sa fl-ahhar, mar kullhadd. Mill-hena u l-ferh, issa, waqa' n-niket u s-skiet. Hija haga maghrufa li kemm it-tigijiet u kemm il-funerali, ihallu warajhom bahar ta' dwejjaq. Ilbierah, fid-dar ta' Ružar Cauchi, ma kienx jinstama' ghajr daqq, sfin u żuffjett. Massala, ferrieha u dahqana, kienet tidher l-gharusa, qisha hamiema bejda, tittajjar minn kamra ghall-ohra, iddur mal-mistidnin, tisfen, tixrob u tiċċajta. Issa, ma baqghax ghajr il-libsa tat-tieg, mitluqa kif gie, gie, fuq is-sodda. Ebda hoss, hemda tal-mewt.

Fir-rokna, fuq pultruna, kien hemm bilqeghda Ružar Cauchi. Ghajnejh kienu jidhru homor nar, imsammra fuq dik il-libsa. Ghaliex das-swied il-qalb kollu? Ghaliex qalb Ružar kienet imfawra bin-niket u mrar? Ružar imissu ferhan sa' itir; ilbierah iżżewgitlu Miriam, it-tifla wahdanija li kellu. Binthu hadet żaghżugh sinjur, f'sahhtu u sabieh. Ghaliex, allura, dawn id-dwejjaq kollha? Miriam kienet ghalqet l-ghoxrin sena; illum jew ghada, riedet tiehu l-istat taghha u ghalhekk ma setghetx tibqa' mieghu ghal ghomorha.

Ghajnejn Ružar, f'salt wiehed, marru fuq kwadru li kien hemm imdendel mal-hajt tal-kamra. Kien ir-ritratt ta' Lina, l-mara li kellu. F'dal-waqt ta' dwejjaq, donnu li lemaghha qeghda titbissimlu biex bhallikieku ssabbru. Dik it-tbissima, kellha madwar it-tnax il-sena. Lina kienet giet milquta minn marda kiefra u kienet mietet hesrem. Ružar, ghalgharrieda kien safa wahdu ma' binthu Miriam.

F'xi waqtiet, in-nuqqas u l-vojt li halliet warajha Lina, kienet taghmel tajjeb ghalieh, Miriam. Il-kumpannija, il-kliem, il-harsa helu li kienet taghtieh marthu; dik it-tbissima u dawk il-kumplimenti, issa, Ružar, kien qed isibhom f'binthu Miriam. Mita binthu kienet tkun hdejh, tkellmu u ddighel bieh, qalbu kien ihossa thabbat bil-qawwi. F'waqtiet bhal dawn, kien jisthajlu li sab imhabbtu mill-gdid. Ghalkemm kienu ghaddew tnax il-sena, dik il-firda kiefra kienet ghadha f'qalb Ružar u ghalhekk it-tieg ta' binthu, issa, gedded mill-gdid l-hemm tal-firda li kien sofra. "Kemm jien miskin!" tenna f'qalbu, kważi mbikki Ružar. "Binthi, issa, hallietni wkoll...Issa sgur ninsab wahdi." Ghajnejh, f'dan il-waqt, deheru fgati bid-dmugh. Qam minn fejn kien u beda jippassigga matul il-kamra. "X'vojt!..X'vojt ninsab fieh! Kif ser nibda nistabar? M'ghandi l-hadd ma' min nghid kelma."

Ružar resaq lejn is-sodda, qabad il libsa f'idejh u waqt li beda irossha ma' sidru: "Ghaliex, Miriam, ghaliex hallejtni wahdi int ukoll?" Imbaghad, ghajnejh marru fuq ir-ritratt ċkejken li kien hemm fuq it-twaletta; ir-ritratt ta' Mario, l-gharus ta' binthu. Harstu, f'dak il-hin, kienet turi stmerrija. Dak iż-żaghżugh firdu mill-eghżeż haga li kellu. Miriam kienet l-kumpannija wahdanija li kellu fid-dinja; ghalieh, binthu, kienet is-sabar, il-konsolazjoni, l-hena, l-istess hajja u dak iż-żaghżugh, ghaliex fettillu jitfa' ghajnejh fuqha, seraqielu.; firidha minnu. "X'siegha kienet dik li hariet ghall-ewwel darba lejn binthi!" Dal-kliem li tenna minn taht l-ilsien Ružar, kien juri l-imhabba u l-egoismu , kien juri t-telfa li kien qieghed isofri. Mill-gdid, harstu marret fuq il-kwadru ta' marthu u minnufieh donnu li semaghha tghidlu: "Int bqajt l-istess bhal qabel, ragel egoista!" Ružar intefa' bilqeghda mill-gdid, iħares lejn il-kwadru, jewden u jitkellem mieghu n-nifsu. "Ghalik, haga hafifa li ssejjahli egoista. Int hallejtni; hliest mill-imrar kollu tad-dinja u jien, jien bqajt nissielet mar-rwiefen u mat-tweghir tal-hajja. Dera li rabbejt lil binthi ghal ghoxrin sena, issa, gejt mifrud minnha; f'salt wiehed, sibt ruhi wahdi, indur ma' dawn il-kmamar, qisni l-hares."

Hawn intebah li kien qed jitkellem wahdu. Qam bis-salt u b'harsa beżghana, tenna: "Inhossni mitluf!.. Qieghed niggennen!"

Tassew li f'dak il-hin, Ružar ma kienx f'sensieh. L-Imhabba li kellu ghal mara, huwa kien taha kollha lil binthu. Tassew li huwa kellu

x-xoghol tiegħu biex jinsa l-imgħoddi. Rużar kien tabib, kien magħruf u kellu ħafna xogħol, imma b'dan kollu, ħajtu kellha skop wieħed, dak li jgħix għal binthu Miriam. Għajnejh deheru jduru mal-kamra: "Kull fejn indawwar wiċċi, insib x'ifakkarni fiha. Oh! Sinjur tal-ħniena, kemm tifkiriet ħalliet warajha."

Fuq is-sofa, fir-rokna, fuq il-lemin, kien hemm pupa, liebsa ta' ballerina. Kien taħielha rigal meta għalqet ħdax il-sena. Miriam, ma kienitx ħadet gost biha għaliex kienet liebsa qasir u xi ftit skullata. "Papa', m'intbaħtx li dik il-pupa liebsa qasir ħ ħafna?" "Għandek raġun, binthi - kien wieġibha Rużar - Iva, m'hix liebsa kif tħobb int. Tibżgħax, nixtrilhek oħra." Miriam, għal dal kliem, ferħet m'hux ftit u biex bħalli kieku tiżżieħ ħajr, ġriet lejh u għanqitu magħha. Rużar ħa nifs qawwi bħal wieħed li qiegħed jiftakar fit-tifkiriet ħelwin ta' l-imgħoddi.

Dil-kriżi ta' solitudni, Rużar kien għadda minnha darb'oħra; dak inhar li mietet martu. F'dik il-lejla, kien jinsab hemm, wieqaf, ħdejn sodditha, iħares lejha bid-dmugħ f'għajnejh. Xoftejh deheru jitharku; kien qiegħed ikellimha, imma f'dik il-lejla, għall-ewwel darba kemm kienu ilhom miżżewġin Lina ma wieġbitux; hija baqgħet tħares lejh ċass, bla ma titħarrek. Dik il-ħarsa tal mewt, baqgħet stampata f'għajnejh bħala tifkira qaddisa. Dak inhar Lina, għall-inqas, ma kienitx ħallietu waħdu; kienet ħallietlu lil Miriam. Illum, il-firda li qiegħed isofri hija aktar kiefra minn dik ta' qabel; did-darba sab ruħu waħdu għal kollox.

Mitluq fuq dik il-pultruna, ġie milqut minn tifkira ħelwa u kerha fl-istess ħin. Jiftakar li darba, Miriam kien ta' xebgħa ċkejkna, għaliex kienet qattegħtlu xi ktieb tal-mediċina. Waqt li kien qiegħed ilumha u itieha xi daqqa fuq riġlejha, lemagħha tiħmar; wiċċa sar qisu pepprina; imbikkija, telqet tiġri lejn kamritha. F'dik il-lejla, Rużar ma setgħax jorqod. Qam mis-sodda u qagħad jippassiġġa matul il-kamra. Miriam semgħetu; qamet minn sodditha, ġriet lejn k kamriet missiera, bexqet il-bieb u bi ħlewwa ta' tifla li kienet, st qsietu: "Papa', jaqaw il-lejla qed tagħmel l-għassa?" It-tnejn infexxew jidħqu u ntilfu f'tgħanniqa ħelwa, jidbewsu.

Dak inhar li Miriam qaltlu li għandha namrat, issorprenda ruħu. Ma riedx jemmen, imma fl-istess ħin, stabar billi kien jaf li din ma kienitx ħaġa ta' malajr u għalhekk biż-żmien, binthu, setgħet terġa' tibdel il-ħsieb. Wara ftit jiem, Miriam ippreżentat lil Mario, in-namrat tagħha, lil missiera. Rużar ħassu jikseħ; kien intebaħ li dak li ftit ilu ħa biż-żuffjett, issa kien ser jiġri bis-sod.

Meta Miriam kienet tarah bil-buri, kienet tersaq lejh u tistaqsieh: "Għaliex, papa', għaliex dejjem ħosbien?" "Int għadhek ċkejkna - kien iwieġibha missiera - Int sejra tiżżewweġ/ żgħira; għadhek bilkemm għalaqt l-għoxrin sena; din hija ħaġa kważi immorali." U hawn, donnu semgħa min jgħidlu: "Allura, lili, għaliex riedt tiżżewwiġni meta kellhi tmintax il-sena? Din, ma kienitx ħaġa iżjed immorali?" Hawn, marthu fakkritu fl-egoismu tiegħu. F'dak il-ħin, ħassu jisthi minnu n-nifsu.

U hekk, wasal jum it-tieġ. Miriam, b'dik il-libsa li għandu quddiemu, mitluqa fuq dik is-sodda, dehret ħierġa mill-bieb tal-Knisja, mistrieħa fuq driegħ Mario. Meta l-għarajjes waslu biswit Rużar, Miriam resqet lejh, biisitu u b'leħen miksur, qaltlu: "Aħfirli, papa', aħfirli!"

"Nawguralhek, binthi, nawguralhek." Wieġibha missiera b'qalbu maqsuma. U ma' dawn il-kelmiet, l-għarajjes baqgħu deħlin fil-karozza.u egħebu minn quddiemu.

Il-qampiena tal-bieb ta' barra ntemgħet iċċempel. Kienet iż-żjara li soltu kien jagħmillu Dun Viċenz, kull nhar ta' Ħadd.

"Kif int, Rużar, kif sibt ruħ k fuq it-tieġ?"

"Rużar ma felaħx iwiegbu; għoqla fi griżmejh ma ħallietux jgħid kelma waħda.

"Xi ġralek?" Staqsieh mikkx Dun Viċenz, aktarx imħawwad.

Rużar tefgħa wiċċu bejn idejh u nfexx jibki bħal tarbija.

"Imma, xi ġralek, ħabib?" Reġġa/ staqsieh mill-ġdid Dun Viċenz.

"Sfajt wahdi, Dun Vicenz... M'ghandi l-hadd iżjed...Wahdi!.. Wahdi!"

"Qum, qum minn hemm, Rużar... imxi nmorru naghmlu żewġ passi."

"Ma nafx minn sejjer jsabbarni!.." Kompla jghid Rużar.

"Int tistabar bhal ma stabru l-ġenituri tieghek u ta' marthek. Isa, isa, qum minn hemm halli nmorru naghmlu l-passiġġata tas-soltu. Iż-żmien huwa l-aqwa tabib li jista' jnissik. Fid-dinja, kollox jintesa; kollox jindara."

U wara ftit, Rużar deher ghaddej minn qalb l-eghlieqi ma' Dun Vicenz, hosbien, ~~[illegible]~~ jiddiskuti xi problema li f'ghajnejh kienet tidher imhawda u mweghera.